# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 85/2016

**Il-Pulizija**

**(Sp. Johann J. Fenech)**

**vs**

**Nathan Cooper**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nathan Cooper pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tieghu fl-ismijiet premessi fis-16 ta' Frar, 2016 billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha kien dikjarat hati izda tvarjaha kwantu l-piena erogata billi taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat is-sentenza appena msemmija moghtija fil-konfront tal-appellant Nathan Cooper, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 158684M li biha instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u kien ikkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' hames (5) xhur ghas-segwenti imputazzjonijiet:

Talli fis-17 ta' Marzu 2009 u fid-disa' xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (benzodiazepine) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li kellha tkun kominata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Huwa jargumenta illi kien ghamel tentattiv serju sabiex jiggieled l-vizzju li hu ghandu tad-droga, izda kif gieli jigri, falla f'dan it-tentattiv meta zbalja u zelaq fix-xejn u minkejja dan, xorta wahda qed jaghmel l-ghalmu tieghu biex jegheleb dan il-vizzju, haga li ma jistax jaghmel jekk ikun inkarcerat;

2. Dak li allura qieghed jitlob l-appellant hu fil-prattika opportunita' ohra sabiex jirriforma ruhu u dan billi l-piena ta' prigunerija kominata mill-ewwel Qorti tkun mibdula f'wahda li ma tipprivahx mil-liberta' tieghu. Il-Qorti ser tara jekk dan huwiex possibbli jew meritat izda dejjem bil-kawtela ormai assodata fil-gurisprudenza illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena m'ghandhiex tkun rimpjazzata bid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti kemm il-darba il-piena erogata kienet fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tinghata piena anqas jew aktar;

3. Kwantu ghall-fatti tal-kwistjoni hawn skrutinata, dawn jistghu ikunu brevement rakkontati meta jinghad illi lura fis-sena 2013, meta l-imputat kien qieghed taht is-sorveljanza ta' Ufficcjal tal-Probation, din tal-ahhar sfat kostretta li tiddenunzah minhabba li kien qed jaghmel uzu mid-droga. Jidher li l-imputat ma ried jaf b'xejn u ma kellu l-ebda motivazzjoni li johrog minn dan il-vizzju. Fil-kors tal-proceduri biex iwiegeb ghall-pussess semplici ta' tlett tipi differenti ta' droga, huwa ammetta dawn il-fatti u l-ewwel Qorti kkundannatu ghal-terminu ta' hames xhur prigunerija. U kif inhi l-konswetudini emergenti minn dik l-awla, l-Qorti ghaddiet biex teroga din il-piena wara konsiderazzjonijiet meqjusa u motivati li jinkludu rassenja tal-episodji raffrettarji fil-hajja tal-imputat. Frankament, din il-Qorti ma tara xejn sindakabbli fil-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti meta inghatat aktar minn sentejn ilu;

4. Madankollu, din il-Qorti tqis li tkun aktar serena fil-gudizzju taghha kemm il-darba tezamina din il-piena mill-ottika tat-trapass ta' zmien u l-possibbli kambjament tal-imputat fid-dekors ta' dan iz-zmien. Ghal dan il-ghan u fuq it-talba tal-istess imputat il-Qorti semghet xhieda in rigward. L-ewwel fosthom kienet il-Kap tal-Komunita' Santa Maria ta' Sedqa li qalet li l-imputat kien beda programm ta' riabilitazzjoni mid-droga ghall-xejn anqas minn erba' darbiet. F'zewg okkazzjonijiet abbanduna il-programm u fit-tielet

wahda kellu jitkecca izda ir-raba' darba temm it-tielet fazi tieghu b'success. Kien ghad jonqsu jikkonkludi ir-raba' fazi izda huwa qata' l-kuntatt. Minkejja dan, tul il-permanenza tieghu kienu ittiehdulu 21 kampjun tal-urina u kollha kienu negattivi ghall-sustanzi ta' droga. Skond din ix-xhud, l-fatt li l-imputat wasal biex ikkonkluda it-tielet fazi hija haga li qatt qabel ma kien irnexxielu jaghmel. F'din il-fazi huwa jkun avdat johrog barra biex jahdem. L-imputat dahal fil-komunita' Santa Maria fi s-17 ta' Frar 2016 li din il-Qorti tosserva li hi l-ghada li kienet prolatata s-sentenza appellata hawn in dizamina u li minn dakinhar, ma regax rrizulta posittiv ghall-konsum ta' droga, almenu mil-ghoxrin test li sarulu. Ironikament ghalhekk jista' jinghad d-decizjoni tal-imputat li jaqleb il-folja hija frott tad-denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation u tas-sentenza tal-ewwel Qorti li kkonvincietu li kien ezawrixxa l-opportunitajiet kollha li kienu inghatawlu;

5. L-appellant illum ghandu impjieg *full time* fil-kostruzzjoni ghal dawn l-ahhar sena u nofs. Dan xeheditu l-persuna li thaddmu li kkonfermat li huwa tajjeb fix-xoghol tieghu, dejjem puntwali u jibqa jahdem wara l-hinijiet tax-xoghol minghajr lmenti ta' xejn. L-istess xhud hija konsapevoli tal-passat tal-imputat, tas-sentenza odjerna u dan ghaliex tkellem hu dwarhom maghha meta wiegeb ghal-sejha li kienet saret biex timpjega n-nies;

6. Il-Qorti tat ukoll l-opportunita lill-appellant jiehu l-pedana tax-xhud u spjega volontarjament illi meta wasal ghall-ahhar fazi tal-programm kien skopra li b'xi mod kienet iddahhlet xi droga sintetika fil-komunita' u l-intenzjoni tieghu kienet li jibqa' maqtugh kompletament mill-vizzju u li ma riedx aktar kuntatt ma' nies li setghu jergghu iwaqqghuh u minflok sab ruhu mahnuq bix-xoghol mit-Tnejn sas-Sibt u gieli l-Hdud u hekk hassu tajjeb u ghalhekk ma riedx jikkompleta r-raba' fazi tal-programm. Mistoqsi mill-Qorti, l-imputat irrikonoxxa li din in-nuqqas ta' komunikazzjoni setghet kienet interpretata b'mod sfavorevoli ghalih. L-istess

appellant esebixxa certifikat mediku li jikkonferma illi minn ezami appozitu jirrizulta li hu negattiv ghat-test ta' "cocaine , amphytamines, THC and opiates;

7. Illi b'eccezzjoni ghall-principju li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni fdata f'idejn il-Qorti tal-ewwel grad, hemm l-hekk imsejha *window of opportunity* li l-Qrati taghna gharfu jisfruttaw f'sitwazzjonijiet fejn konferma ta' piena karcerarja tista' ma tkunx fl-ahjar interess sia tal-imputat kif ukoll tas-socjeta' meta l-imputat jipprezenta ruhu bhala bniedem riformat jew almenu miexi sewwa f'dik id-direzzjoni bil-prospettiva li jerga' jsir cittadin denju u affidabbli fis-socjeta'. Jidher li dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn ghandha tkun applikata din l-eccezzjoni. Tal-istess fehma hu ukoll l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu. Huwa fl-interess tal-appellant li l-Qorti tkun konvinta li dan il-kambjament ma huwiex wiehed ta' konvenjenza u li fl-ahhar mill-ahhar ma jkun qed iqarraq b'hadd hlief bih inniffsu jekk dan mhux il-kaz. Il-Qorti ser taghti din l-opportunita' lill-imputat biex ikompli fit-triq it-tajba;

8. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement s-sentenza tal-ewwel Qorti qed tkun riformata billi tkun konfermata f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu wara ammissjoni, izda revokata f'dik il-parti li biha ikkundannatu ghal-hames (5) xhur prigunerija u minflok qed tqieghed lill-appellant fuq Ordni ta' Probation ghal-perjodu ta' sentejn fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

9. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega fi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza u tordna li kopja taghha tintbaghat lid-Direttur Probation Services sabiex jinhatar l-Ufficcjal tal-Probation li ser jissorvelja lill-appellant f'dan il-perjodu ta' sentejn.